Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 25/16

**Paul J Aquilina** **(appellant)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali** **(appellat)**

10 ta' April 2018

1. **Il-każ hu dwar id-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali li titwaqqaf l-Għajnuna Supplimentari (SPA) lill-appellant.**

2. B'ittra datata 12 ta' Mejju 2015, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Paul J Aquilina illi l-applikazzjoni tiegħu għall-GĦAJNUNA SUPPLIMENTARI kienet ġiet mistħarrġa/riveduta u li kien ġie deċiż li m'huwiex/ m'għadux intitolat għal tali għajnuna, u dan għaliex "*Id-Direttur mhux sodisfatt li m'intix impenjat f' attivita` kummerċjali.*" Huwa ġie infurmat illi f' każ li ma jaqbilx ma' tali deċiżjoni seta' jappella lill-Arbitru[1] u li tali appell kellu jsir bil-miktub fi żmien tletin jum mid-data tal-ittra. Ġie spjegat ukoll illi appelli lill-Arbitru setgħu isiru fuq punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza li jistgħu jinqalgħu dwar id-deċiżjoni; u li l-ittra tiegħu tal-appell flimkien ma' kopja tad-deċiżjoni appellata (jew kontestata) kellha tiġi indirizzata lis-Segretarja tal-Arbitru.

3. Fil-frattemp Paul Aquilina irrikorra l-uffiċċju distrettwali tas-Sigurta` Soċjali tal-Birgu fejn (skont hu) intalab jiċċara xi punti (i) dwar l-allegazzjoni li għandu ħames karozzi u (ii) dwar l-allegazzjoni li huwa jaħdem ma' kumpanija tal-*films.* Huwa għalhekk bagħat ittra datata 1 ta' Ġunju 2015 lid-"Direttur Ġenerali" u fl-istess ittra annetta kopja ta' dokument maħruġ minn Transport

[1] L-Arbitru maħtur skont l-Att Dwar is-Sigurta` Soċjali (Kap 318).

Malta li jindika li għandu tlett karozzi koperti b'liċenzja (Mazda 323, Kia Cee'd u Nissan Micra) filwaqt li fir-rigward taż-żewġ karozzi l-oħra: waħda (Mitsubishi Lancer) kienet skreppjata fl-2013 u l-oħra maħruqa skont rapport tal-pulizija tal-1998. Ipprovda wkoll kopji tal-poloz tal-assikurazzjoni relattivi għal tali tlett vetturi. Dwar l-allegat xogħol tiegħu ma' kumpanija tal-*films* spjega li huwa qatt ma għamel parti minn tali kumpanija. L-imsemmija ittra (minkejja li indirizzata lid-Direttur Ġenerali, u mhux lis-Segretarja tal-Arbitru) jidher li waslet fl-uffiċċju tal-Arbitru fil-5 ta' Ġunju 2015, kif jidher mit-timbru. Din l-ittra effettivament tqieset bħala l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali tat-12 ta' Mejju 2015, li ingħata n-numru 412/15.

4. Fl-4 ta' April 2016 id-Direttur Ġenerali wieġeb għall-appell ta' Paul Aquilina permezz ta' ittra indirizzata lis-Segretarja tal-Arbitru (li waslet fil-5 ta' April 2016, kif jidher mit-timbru). Huwa spjega illi l-appellant kien benefiċċjarju tal-Allowance Supplimentari sat-3 ta' Lulju 2015 liema allowance ġiet lilu mwaqqfa "*għar-raġuni li fuq rapport li d-Dipartiment kien irċieva mingħand id-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjonijiet, irriżulta li d-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellant mhux impenjat f' attivita` kummerċjali*", u li kien għalhekk li informa lill-istess appellant "*bid-deċiżjoni negattiva tiegħu*". Żied jgħid li l-"appell" ta' Aquilina għandu jiġi miċħud peress li ma jqanqal ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza.

5. Fid-deċiżjoni tiegħu tal-31 ta' Awwissu 2016[2], l-Arbitru Dr Adrian Camilleri ikkunsidra illi l-appellant kien qed jaħdem mill-anqas minn Jannar 2015 (jekk mhux qabel ukoll) u li meta applika għall-benefiċċju kien iddikjara li kellu vettura waħda biss, u mhux tlieta, fuq ismu. Għalhekk ikkonkluda li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali (li l-appellant m'għadux aktar intitolat għall-għajnuna) kienet waħda ġustifikata u per konsegwenza ċaħad l-appell u kkonferma d-deċiżjoni appellata.

6. Aquilina ħass ruħu aggravat b' din id-deċiżjoni u għalhekk fis-7 ta' Ottubru

[2] Deċizjoni tal-Arbitru Nru: 237/16.

2016 intavola rikors tal-appell quddiem din il-qorti. Fl-appell tiegħu talab lil din il-qorti:

"*tirrevedi d-deċiżjoni tal-Arbitru mogħtija fil-31 ta' Awwissu 2016 in kwantu tikkonfermaha fejn l-Arbitru ikkonkluda li l-appellant kellu jirrifondi l-benefiċċji soċjali li rċieva minn Mejju 2015 'il quddiem, filwaqt li tirrevokaha in kwantu l-Arbitru ddeċieda li l-appellant kellu jrodd lura l-benefiċċji soċjali li huwa rċieva bejn is-7 ta' Marzu 2014 u t-30 ta' April 2015, kif ukoll tirrevokaha in kwantu l-Arbitru ddeċieda li l-esponent għandu jrodd lura kull pagament tal-imsemmija intitolamenti li huwa rċieva mis-7 ta' Marzu 2014 sa April 2015*."

7. L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:-

(i) Li l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament xieraq tal-provi u għalhekk kien żbaljat fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-allegat abbuż tiegħu;

(ii) Li l-Arbitru sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq l-konklużjoni tad-Direttur li fid-deċiżjoni tiegħu naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

(iii) Li l-konklużjoni dwar l-assi li jippossjedi (li jidher li influwenzat id-deċiżjoni) hija konklużjoni żbaljata u mingħajr effetti fuq il-patrimonju tiegħu.

8. L-appellat id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali fit-28 ta' Ottubru 2016 wieġeb biex jgħid illi l-arbitru mexa b'mod lodevoli u skont il-prinċipji tal-ġustizzja u ekwita` ai termini tal-Artikolu 108(9) tal-Kap 318 u għalhekk sostna li d-deċiżjoni arbitrali għandha tiġi kkonfermata u l-appell odjern miċħud sa fejn dawn jitolbu r-revoka ta' xi parti mid-deċiżjoni. Bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Provi mressqa fil-proċeduri quddiem l-Arbitru:**

• *L-investigazzjoni mid-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi u Benefiċċji*

9. In segwitu għal rapport anonimu li daħal fid-Dipartiment għall-Investigazzjoni

ta' Frodi ta' Benefiċċji[3] fejn ġie allegat illi Paul Aquilina kien qed jaħdem bħala *Spiritual Consultant* u li kien qed jirreklama s-servizzi tiegħu minn fuq sit elettroniku www.issis13.com, u wkoll li kellu tlett karozzi lussużi, l-ispettorat fetaħ investigazzjoni u ħejja rapport. (File No. BFI/550/14).

10. Mill-investigazzjoni li saret irriżulta illi s-sit elettroniku www.issis13.com fost affarijiet oħra jelenka s-servizzi li joffri ċertu Paul Aquilina (li ġie identifikat bħala l-istess Paul Aquilina, l-appellant). Is-servizzi reklamati huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| *Body Cleansing* | *€90* |
| *Home Spiritual Visits* | *€145* |
| *Crystal doings* | *€350* |
| *Questions by emails* | *€20* |
| *Sessions by phone* | *€25* |
| *One to one session* | *€30* |
| *House cleansings* | *€90* |

11. Irriżulta wkoll illi minkejja li Aquilina kien informa lid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali li jippossjedi karozza tad-ditta Mazda 323, huwa kellu wkoll żewġ vetturi oħra: waħda Kia Cee'd u l-oħra Nissan Sport.

12. L-ispettur ikkonċernat (Frankie Camilleri) irriżultalu mill-informazzjoni tal-appellant li tinsab fil-file, li huwa jbagħti minn kundizzjoni psikjatrika li tħalli effett negattiv fuq l-eliġibilita` lavorattiva tiegħu (dan skont id-dikjarazzjoni magħmula mill-*Consultant Psychiatrist*, li tinsab fl-istess file). Spjega li kien għalhekk li fis-26 ta' Novembru 2013 Aquilina kien talab li ssir konverżjoni mill-Għajnuna tal-Qgħad (UA) għall-Għajnuna Soċjali (SA).

13. Huwa wara li qies li Aquilina kien effettivament qed jaħdem bi qliegħ, u li għandu żewġ vetturi apparti dik iddikjarata minnu mad-Dipartiment tas-Sigurita` Soċjali, għamel is-segwenti rakkomandazzjoni fir-rapport tiegħu tal-14 ta' April 2015:

"*Mill-investigazzjoni li twettqet fuq dan il-każ jirriżulta li hemm ksur fil-*

[3] fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta` Soċjali.

*provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurta` Soċjali (Kap 318) f' dak illi għandu x' jaqsam mal-intitolamenti tal-Għajnuna Soċjali (SA), tal-Għajnuna Supplimentari (SPA), kif ukoll tal-Benefiċċju għall-Enerġija (ENRG) u dan għaliex is-sur Aquilina jaħdem bi qliegħ. Għaldaqstant huwa rakkomandat li d-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali jieħu azzjoni sabiex jissospendi minnufih l-Għajnuna Soċjali (SA) u jiġbor lura kull pagament li ħareġ tal-imsemmija intitolamenti mid-data li tidher fuq il-website cioe 7 ta' Marzu 2014. Kopja tal-paġna li wasslitna għall-identifikazzjoni tad-data hija mehmuża aħmar 11. Qed jiġi rakkomandat ukoll li jkunu riveduti l-Benefiċċju għall-Enerġija (ENRG) u l-Għajnuna Supplimentari (SPA) b'effett mill-istess data cioe` mis-7 ta' Marzu 2014 biex dawn jirriflettu d-dħul veri u proprja li fihom qed jgħix il-benefiċċjarju.* (sottolinejar tal-Qorti)

*Id-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali għandu jikkonsidra l-assi inkluż il-karozzi kollha li jippossjedi s-sur Aquilina biex jirriflettu ċ-ċirkostanzi veri u proprji li fihom qed jgħix il-benefiċċjarju."*

14. Fix-xiehda tiegħu tal-11 ta' April 2016 quddiem l-Arbitru, l-imsemmi Frankie Camilleri, Spettur tad-Dipartiment tas-Sigurita` Soċjali, ippreżenta u ħalef ir-rapport tiegħu tal-14 ta' April 2015.

• *Il-verżjoni tal-Paul Aquilina*

15. Paul Aquilina, fix-xiehda tiegħu mogħtija ukoll fil-11 ta' April 2016, ikkonferma li fl-2012 kien qed jieħu l-benefiċċji tal-Għajnuna Soċjali pero` spjega li kien xtaq jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. Għalhekk għamel paġna fuq Facebook u anke holoq sit elettroniku fejn beda jirreklama s-servizzi tiegħu ta' *spiritual consultant*. Ippreċiża illi f' dak iż-żmien ma kellu l-ebda klijenti u imbagħad ommu kienet ġiet ċertifikata li għandha kanċer u allura abbanduna kollox biex jiddedika ruħu għal magħha sakemm mietet f' Settembru 2014. Dwar xi promozzjoni bid-data tas-7 ta' Marzu 2014 li kien irreklama fuq il-*website*, qal li din kienet sempliċi promozzjoni u sostna li huwa ma kienx jaqla' flus mill-promozzjonijiet.

16. Xehed illi wara li mietet ommu kien ingħalaq ġewwa u ma ta l-ebda servizzi ta' konsulenza iżda f' Jannar 2015 iddeċieda li jibda' bix-xogħol ta' *spiritual consultant* biex jara x' rispons kien se jkollu mingħand il-klijenti, u dan sabiex jara jekk hux "*worth it*" li jibda' jaħdem f' din il-linja professjonali. Spjega li

minn Jannar sa April 2014 kien jaħdem *pro bono* u min kien irid iħallsu huwa kien jaċċetta.

17. Kompla jgħid illi kien irrealizza li kien iktar jaqbillu jaħdem milli ma jaħdimx u għalhekk f'April mar japplika għall-VAT. Spjega li wara April 2015 avolja kien għad ma kellux VAT number xorta beda' jaqla l-flus mis-servizzi u kien jagħti riċevuti (*temporary receipts*), imbagħad wara li kellu numru tal-VAT f' Lulju 2015 beda joħroġ l-irċevuti fiskali normali. Ikkonferma li "*Illum inħallas il-bolla u nħallas it-taxxi.*"

18. Wara li qies dan kollu, u wkoll il-fatt li Aquilina kellu tlett karozzi (u mhux waħda biss) fuq ismu, l-Arbitru ikkonkluda li d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali tat-12 ta' Mejju 2015 (li Aquilina mhux aktar intitolat għall-Għajnuna Supplimentari) kienet waħda ġusta.

**<u>L-appell odjern:</u>**

19. Permezz ta' dan l-appell qed jitlob lil din il-qorti tirrevedi tali deċiżjoni in kwantu:

- tikkonfermaha fejn l-Arbitru ikkonkluda li kellu jirrifondi l-benefiċċji soċjali minn Mejju 2015 'il quddiem;

- tirrevokaha in kwantu iddeċieda li huwa kellu jrodd lura l-benefiċċji soċjali li rċieva bejn is-7 ta' Marzu 2014 u t-30 ta' April 2015;

- u tirrevokaha ukoll in kwantu ddeċieda li għandu jrodd lura kull pagament tal-imsemmija intitolamenti li huwa rċieva mis-7 ta' Marzu 2014 sa April 2015.

20. Fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2018 id-difensur tal-appellant iddikjara:

*"…. f'April 2015 l-appellant kien applika biex jingħata numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT. Żied jispjega li l-kontestazzjoni tal-appellant hi dwar it-talba li kien għamel l-appellant għar-rifużjoni tal-għajnuna supplimentari u dan stante li l-appellant isostni li qabel April 2015 ma kien qiegħed iwettaq attivita' kummerċjali".*

21. Pero' d-deċiżjoni oġġett ta' dawn il-proċeduri hi dik tat-12 ta' Mejju, 2015 li

biha l-appellat iddeċieda li l-appellant m'għandux jingħata iktar Għajnuna Supplimentari peress li kien qiegħed iwettaq attivita' kummerċjali. Mhemmx deċiżjoni tal-appellat li l-appellant kellu jirrifondi l-flus li rċieva mingħand id-Dipartiment fi ħlas ta' Għajnuna Supplimentari.

22. Inoltre, l-Arbitru ċaħad l-appell tal-appellant fir-rigward ta' dik id-deċiżjoni.

23. Pero` fir-rikors tal-appell intqal hekk:

> *"….fit-12 ta' Mejju 2015 id-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali iddeċieda li l-appellat kellu jieqaf jirċievi l-għajnuna supplimentari peress li d-Direttur ma kienx sodisfatt li l-appellant ma kienx involut f' attivita` kummerċjai;*
>
> *Illi in oltre,* ***d-Direttur, a bażi ta' din l-investigazzjoni, ordna lill-appellant sabiex irodd lura kull pagament tal-imsemmija intitolamenti li hu irċieva mis-7 ta' Marzu 2014 'il quddiem u li jiġi rivedut kull benefiċċju għall-enerġija b'effett mill-istess data tas-7 ta' Marzu 2014 'il quddiem****. Barra minn hemm id-Direttur irrakkomanda wkoll lid-Dipartiment tas-Sigurta` soċjali biex jissosspendi l-imsemmija intitolamenti." (SIC)*

24. Pero' fl-avviż tat-12 ta' Mejju 2015 ma ngħatat ebda ordni f'dak is-sens. Avviż li kien il-bażi tal-proċeduri li saru quddiem l-Arbitru. Kien hemm biss <u>rakkomandazzjoni</u> mill-ispettur Frankie Camilleri lid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali biex tiġi "sospiża" minnufih l-<u>Għajnuna Soċjali</u> (SA) u **biex jinġabru l-pagamenti li inħarġu mis-7 ta' Marzu 2014**. Dawn kienu biss rakkomandazzjonijiet. Fl-ittra tiegħu tat-12 ta' Mejju 2015 id-Direttur tas-Sigurta` Soċjali sempliċiment informa lil Aquilina ma kienx iktar intitolat għall-<u>Għajnuna Supplimentari</u> (SPA).

25. In vista ta' dan kollu l-appell sar inutilment, stante li <u>fih l-appellant qed jilmenta dwar ordni ta' rifużjoni ta' benefiċċji li ma teżistix.</u> L-appellant stess jaqbel li minn Mejju, 2015 ma kienx intitolat li jirċievi l-Għajnuna Supplimentari.

26. Fil-fatt, l-istess Aquilina, f' dan l-appell, jitlob li ***"dik il-parti"*** **tad-deċiżjoni tal-Arbitru fejn huwa kkonkluda li kellu jirrifondi l-benefiċċji li rċieva**

**minn Mejju 2015 għandha tiġi konfermata**.

27. Tibqa' ovvjament impreġudikata l-kwistjoni dwar l-appellant għandu jirrifondi xi għajnuna supplimentari li rċieva qabel Mejju, 2015.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell odjern u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess appellant.**

Anthony Ellul.